# L-IKLA TAL-VĠILI TA' SAN LAWRENZ FIL-BIRGU U L-*HOLLYWOOD SALAD* TA' L-AMERKA

Angelo Dougall

Meta wieħed ikun emigrant, kultant isir jaf mingħand xi emigrant ieħor Malti b'xi drawwa folkloristika li tkun ta' xi lokal partikolari ta' pajjiżna. Hemm drawwiet li jkunu f'xi bliet u rħula u oħrajn issir taf bihom b'kumbinazzjoni. Hekk ġara lili biex sirt naf b' ikla folkloristika tradizzjonali li kienet issir fil-Birgu (il-Belt Vittoriosa) li kienet ilha ssir u ġejja minn ġenerazzjoni għal oħra min jaf kemm mijiet ta' snin!

Mela darba, fil-belt Amerikana ta' Detroit (Michigan) iltqajt ma' ħabib tiegħi John (Vanni) Bonnici mill-Birgu u billi kellna l-ġuħ dħalna f'ristorant. Kien is-sajf u kienet is-sħana, għalhekk ma kellix aptit ikel tat-tisjir. F'dik il-belt, bħal bliet oħra Amerikani, iservu fost oħrajn platt li jgħidulu *Hollywood salad*. Dan l-ikel huwa msawwar bi frott biss, b'żewġ flieli bettieħ żgħir ħelu, xi biċċiet tal-banana mqattgħin, ftit għeneb, xi żewġ flieli roti *pineapple*, flieli tal-mandolin, biċċiet tad-dulliegħ imqattgħin kubi, tuffieħ imqatta' flieli flieli u xi frott ieħor magħhom biex jgħaqqad il-platt; taħlita frott insalata li għandu biex jimliek. Dan il-platt popolari ħafna, l-aktar fost nies veġetarjani u oħrajn bid-dieta. Ngħid għalija ikla li togħġobni, għalhekk ordnajt lilha bħalma għamel Vanni. Ma domniex wisq nistennew u l-platt malajr wasal quddiemna.

"Kos!" qalli Johnny, "dan il-platt kemm qed iġibli memorji u nostalġija. Bħal dan konna neħduh il-Birgu fil-Vġili ta' San Lawrenz. Niftakru minn ċkuniti u ma kkupjajniehx minn Hollywood! Fi żmien meta konna nieħdu din l-ikla lanqas biss kien jeżisti Hollywood, aħseb u ara kemm ħlomna bih! Dejjem niftakarna nagħmlu din l-ikla sa minn meta kont żgħir, nhar il-Vġili ta' San Lawrenz għax għalina n-nies tal-Birgu biss kien ikun jum ta' sawm u astinenza. Il-festa kienet tkun kmandata għan-nies tal-Birgu u fil-Vġili ma kienx jista' jittiekel laħam".

Kienet hekk minn żmien l-Ordni ta' San Ġwann bi privileġġ speċjali mogħti lill-parroċċa minn wieħed mill-Inkwiżituri. L-Inkwiżitur kien meqjus patrun tal-parroċċa ta' San Lawrenz. Imma festa kmandata ġġib magħha s-sagrifiċċju tas-sawm u l-astinenza fil-Vġili. F'lejlet festa kbira, għall-Vittorjożani dan kien sagrifiċċju iebes. Bil-frott la tikser sawm u lanqas tniġġes, għalhekk huma kienu

ħolqu din ix-xorta ta' ikla billi jimlew il-platt b'taħlita ta' frott ta' l-istaġun, li jsibu jixtru fis-sajf, bħal bettieħ, dulliegħ, għeneb, bajtar, tin u l-kumplament. Fil-Vġili, il-mejda kienet titħejja għall-ikla bil-platti mimlijin frott biss; la laħam u lanqas tisjir ieħor. B'hekk ma kienx isir tinġis jew ksur ta' sawm. Kienet tkun ikla tabilħaqq bnina u tajba għas-saħħa. Din l-ikla kienet ilha ssir snin sħaħ fil-Birgu u saret tradizzjonali. Dan qaluli Dun Rafel Vinċenz Gauci, llum mejjet, u minn ħuh is-Sur Renzo Gauci, it-tnejn Vittorjożani.

Imma billi fl-Amerka dan il-platt kien novità malajr laqqmuh (biex imexxi) *Hollywood Salad* u sar popolari u magħruf b'dan l-isem. Dan il-platt tradizzjonali kien isir biss fil-Birgu, partikolari għal din il-parroċċa.

"Kos!" reġa' tenna John Bonnici, "x'nostalġija u x'tifkiriet qed iġibli dan il-platt quddiemi! Mur obsor li l-Amerikani laqqmuh *Hollywood Salad*!"

- - - - - oOo- - - - -

**Sħubija f' "L-Imnara" u fl-Għaqda Maltija tal-Folklor**

**"L-Imnara" hu perjodiku li joħroġ darba fis-sena mill-Għaqda Maltija tal-Folklor. Jitqassam b'xejn lill-membri ta' l-Għaqda u ma jinstabx għall-bejgħ. Il-Ħlas tas-sħnbija fl-Għaqda (li jista' jiġi rivedut) hu ta' LM 1.50 fis-sena għall-membri f'Malta, LM 2.50 fis-sena għall-membri fl-Ewropa u LM 3.00 għall-membri fl-Awstralja. Min jinkiteb ġdid iħallas ukoll LM 1.00 reġistrazzjoni fl-ewwel sena biss mal - LM 1.50. Min irid jissieħeb fl-Għaqda Maltija tal-Folklor u jirċievi "L-Imnara" taħt il-kundizzjonijiet uimsemmija għandu jibgħat il-ħlas dovut lit-Teżorier:**

**is-Sur George Glanville, "Spring", Triq Mater Boni Consilii, Il-Fgura, PLA 16.**